



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/0101(COD)

15.10.2010

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-Unjoni Ewropea (COM(2010)0174 – C7-0110/2010 – 2010/0101(COD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Ivailo Kalfin

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-Unjoni Ewropea
(COM(2010)0174 – C7-0110/2010 – 2010/0101(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0174),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0110/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0000/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Flimkien mal-missjoni ċentrali tiegħu li jiffinanzja l-investment fl-Unjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mill-1963 wettaq operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-politiki esterni tal-UE. Dan jippermetti li fondi baġitarji tal-UE disponibbli għar-reġjuni esterni jiġu

Emenda

(1) Flimkien mal-missjoni ċentrali tiegħu li jiffinanzja l-investment fl-Unjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mill-1963 wettaq operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-politiki esterni tal-UE. Dan jippermetti li fondi baġitarji tal-UE disponibbli għar-reġjuni esterni jiġu

kkumplimentati mis-saħħa finanzjarja tal-BEI għall-benefiċċju tal-pajjiżi benefiċjarji.

kkumplimentati mis-saħħa finanzjarja tal-BEI għall-benefiċċju tal-pajjiżi benefiċjarji. *Meta jagħmel dan, il-BEI jikkontribwixxi kemm għall-iżvilupp tal-pajjiżi terzi kif ukoll għall-prosperità tal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi globali ġodda. L-operazzjonijiet tal-BEI bħala appoġġ tal-politiki esterni tal-Unjoni jridu jsiru skont il-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju sod.*

Or. en

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-lista tal-pajjiżi eliġibbli jew potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE hija stabbilita fl-Anness II u ġiet estiża meta mqabbla mal-lista fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7A (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) L-estensjoni tal-mandat għal pajjiżi ġodda mingħajr ir-reviżjoni tal-limiti massimi għall-finanzjament tal-BEI kopert mill-garanzija tal-UE de facto tnaqqas l-ammont medju massimu ta' self tal-BEI disponibbli għal kull pajjiż taħt il-mandat estern tiegħu. Sabiex nevitaw li ndgħajfu l-azzjoni tal-BEI f'kull wieħed

mill-pajjiżi ta' intervent, dawn il-limiti għandhom ikunu aġġustati skont dan.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Barra mil-limiti massimi reġjonali, il-mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 000 000 għandu jiġi attivat u allokat bħala pakkett li jsostni l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI fil-qasam tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha madwar ir-reġjuni koperti mill-mandat. Il-BEI jista' jikkontribwixxi permezz tal-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ħalli jsostni lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lis-settur privat biex dawn jindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima u jużaw bl-aħjar mod possibbli l-finanzjament disponibbli. Għal proġetti ta' taffija u adattament, ir-riżorsi tal-BEI, meta possibbli, għandhom jiġu kkumplimentati minn fondi konċessjonali skont il-baġit tal-UE, permezz tat-taħlit effiċjenti u konsistenti ta' għotjiet u self għal finanzjament konness mal-bidla fil-klima fil-kuntest tal-assistenza esterna tal-UE.

Emenda

(8) Barra mil-limiti massimi reġjonali, il-mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 000 000 għandu jiġi attivat u allokat bħala pakkett li jsostni l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI fil-qasam tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha madwar ir-reġjuni koperti mill-mandat. Il-BEI jista' jikkontribwixxi permezz tal-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ħalli jsostni lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lis-settur privat biex dawn jindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima u jużaw bl-aħjar mod possibbli l-finanzjament disponibbli. Għal proġetti ta' taffija u adattament, ir-riżorsi tal-BEI, meta possibbli, għandhom jiġu kkumplimentati ***kemm jista' jkun*** minn fondi konċessjonali skont il-baġit tal-UE, permezz tat-taħlit effiċjenti u konsistenti ta' għotjiet u self għal finanzjament konness mal-bidla fil-klima fil-kuntest tal-assistenza esterna tal-UE. ***F'dan ir-rigward, huwa xieraq li r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew għandu jkollu rapport dettaljat dwar l-istrumenti finanzjarji użati għall-finanzjament ta' dawn il-proġetti, li jidentifikaw l-ammonti ta' garanziji koperti bil-mandat fakultattiv u l-ammonti ta' għotjiet u self.***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-eliġibbiltà ta' pajjiżi/proġetti fejn il-BEI jiffinanzja t-taffija tat-tibdil fil-klima taħt il-garanzija tal-UE għandha tiġi stabbilita bi qbil mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar kemm il-pajjiżi riċeventi jkunu lesti jikkommettu rwieħhom għal miri adegwati marbuta mat-tibdil fil-klima.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Il-BEI għandu jitħalla jirreinvesti l-kapital ta' riskju u riflussi speċjali tas-self minn operazzjonijiet preċedenti, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, biex jiffinanzja operazzjonijiet ġodda tal-istess ordni ħalli jassisti lil pajjiżi sħab, kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha li temenda r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Għandha tiġi pprovduta xi flessibbiltà fir-rigward tal-allokkazzjoni reġjonali skont il-Mandat dwar il-Bidla fil-Klima biex tippermetti għall-aktar aċċettazzjoni effettiva u mħaffa tal-finanzjament disponibbli fil-perjodu ta' 3 snin 2011-2013. ***F'każ li l-ammont totali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament meqjusa jisboq l-ammont disponibbli ta' EUR 2 biljun, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jagħmlu l-almu tagħhom ħalli jiżguraw*** distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni koperti, abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-għajnuna esterna skont il-Mandat Ġenerali.

Emenda

(9) Għandha tiġi pprovduta xi flessibbiltà fir-rigward tal-allokkazzjoni reġjonali skont il-Mandat dwar il-Bidla fil-Klima biex tippermetti għall-aktar aċċettazzjoni effettiva u mħaffa tal-finanzjament disponibbli fil-perjodu ta' 3 snin 2011-2013, ***filwaqt li tiġi garantita distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni kollha matul dak il-perjodu. Il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura*** distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni koperti, abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-għajnuna esterna skont il-Mandat Ġenerali.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) ***Barra minn hekk***, il-valutazzjoni sabet li minkejja l-operazzjonijiet tal-BEI imwettqa fil-perjodu kopert mill-valutazzjoni (2000-2009) kienu ġeneralment konformi mal-politiki esterni tal-UE, ir-rabta bejn l-għanijiet politiċi tal-UE u l-implimentazzjoni operattiva tagħhom mill-BEI għandha tissaħħaħ u ssir aktar espliċita u strutturata.

Emenda

(10) Il-valutazzjoni sabet li minkejja l-operazzjonijiet tal-BEI imwettqa fil-perjodu kopert mill-valutazzjoni (2000-2009) kienu ġeneralment konformi mal-politiki esterni tal-UE, ir-rabta bejn l-għanijiet politiċi tal-UE u l-implimentazzjoni operattiva tagħhom mill-BEI għandha tissaħħaħ u ssir aktar espliċita u strukturata.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Biex titqawwa l-koerenza tal-mandat, tissaħħaħ il-konċentrazzjoni tal-attività ta' finanzjament estern tal-BEI fuq il-politiki ta' appoġġ tal-UE, u għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, din id-deċiżjoni għandha tiffissa għanijiet orizzontali ta' livell għoli fil-mandat għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha eliġibbli, fuq is-sies tal-aspetti komparattivament b'saħħithom tal-BEI f'oqsma fejn fl-imġhoddi dan ta' xhieda ta' ħidma pożittiva. Fir-reġjuni kollha koperti minn din id-deċiżjoni, il-BEI għandu għalhekk jiffinanzja proġetti fl-oqsma tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, l-infrastruttura soċjali u ekonomika (notevolment fit-trasport, l-enerġija inkluża l-enerġija rinovabbli, is-sigurtà tal-enerġija, l-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, kif ukoll it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), u l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). F'dawn l-oqsma, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi preadeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-UE, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI.

Emenda

(11) Biex titqawwa l-koerenza tal-mandat, tissaħħaħ il-konċentrazzjoni tal-attività ta' finanzjament estern tal-BEI fuq il-politiki ta' appoġġ tal-UE, u għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, din id-deċiżjoni għandha tiffissa għanijiet orizzontali ta' livell għoli fil-mandat għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha eliġibbli, fuq is-sies tal-aspetti komparattivament b'saħħithom tal-BEI f'oqsma fejn fl-imġhoddi dan ta' xhieda ta' ħidma pożittiva. Fir-reġjuni kollha koperti minn din id-deċiżjoni, il-BEI għandu għalhekk jiffinanzja proġetti fl-oqsma tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, l-infrastruttura soċjali u ekonomika (notevolment fit-trasport, l-enerġija inkluża l-enerġija rinovabbli, is-sigurtà tal-enerġija, ***l-infrastruttura enerġetika***, l-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, kif ukoll it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), u l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). ***Għandu jinfakkar li titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-kapital jista' jiżvolġi rwol essenzjali fl-istimolu tal-iżvilupp ekonomiku u fil-ġlieda kontra l-qgħad.*** F'dawn l-oqsma, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi preadeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-UE, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. ***Il-BEI jista' jappoġġja l-preżenza tal-UE f'pajjiżi sħab permezz ta' investiment barrani dirett li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien.***

Emenda 10**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 12***Test propost mill-Kummissjoni*

(12) **Barra minn hekk**, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, **l-operazzjonijiet** ta' finanzjament tal-BEI **għandhom irawmu**: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Il-BEI għandu **gradwalment** isawwar il-mezzi **xierqa** biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti.

Emenda

(12) **B'mod aktar ġenerali**, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, **objettiv sottostanti għall-operazzjonijiet** ta' finanzjament tal-BEI **għandu jkun ittnaqqis tal-faqar permezz ta'**: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Il-BEI għandu **jippromwovi aċċess ugwali għas-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati bħall-minoranzi, il-bdiewa u n-nisa. biex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti b'mod adegwat, il-Kunsill għandu jggarantixxi żieda tar-riżorsi u tal-persunal tal-BEI fi żmien raġonevoli, u għandu sostanzjalment** isawwar il-mezzi biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Skont din id-deċiżjoni, il-BEI għandu **jżid l-orjentazzjoni tiegħu rigward l-iżvilupp f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u *b'segwiment tal-prinċipji* tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp**. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali. Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-UE u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, bħall-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. Il-BEI għandu kull ma jmur isaħħaħ ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ ***għas-saħħa u l-edukazzjoni kif ukoll għall-adattament*** għall-bidla fil-klima, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda ***progressiva*** fir-riżorsi umani dedikati għall-attivitàjiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplementari għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, ***il-BEI għandu*** jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.

Emenda

(13) ***Filwaqt li l-qawwa tal-BEI tibqa' l-karattru distint tiegħu bħala bank ta' investment***, skont din id-deċiżjoni, il-BEI għandu ***jfassal l-impatt fuq l-iżvilupp mill-operazzjonijiet esterni tiegħu*** f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u ***jsegwi l-prinċipji*** tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp ***kif ukoll dawk stipulati fl-Artikolu 208 TFUE, flimkien mal-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna deskritti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 u l-Aġenda għall-Azzjoni ta' Accra tal-2008***. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti ***ambjentali***, soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali ***mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-soċjetà ċivili. Il-konsultazzjonijiet lokali għandhom isiru fi ħdan id-diliġenza dovuta tal-BEI rigward il-proġett***. Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-Unjoni u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, ***(bħal, inter alia, l-aċċess tal-SMEs u l-mikroentitajiet għas-servizzi finanzjarji)***, bħall-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. ***Il-finanzjament jista' wkoll jinkludi proġetti b'appoġġ tas-saħħa u l-edukazzjoni, partikolarment fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali u l-infrastruttura, fejn hemm valur miżjud ċar***. Il-BEI

għandu kull ma jmur isahha ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ għas-saħħa u l-educazzjoni, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda, **f'perjodu ta' żmien raġonevoli**, fir-riżorsi umani dedikati għall-attivitajiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplimentari għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, **jeħtieġ li l-BEI** jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' *Lisbona*, il-funzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li huwa fl-istess waqt il-Viċi President tal-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Esterni, inħolqot bil-għan li żżid l-impatt u l-koerenza tar-relazzjonijiet esterni tal-UE. ***Se jinħoloq Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS) ġdid taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli. F'dawn l-aħħar snin kien hemm ukoll twessiegħ u tisħiħ tal-politiki esterni tal-UE. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni, għall-Politika tal-Viċinat Ewropew, għall-Istrateġija tal-UE għall-Ażja Ċentrali, għall-isħubiji mġedda mal-Amerika Latina u max-Xlokk tal-Ażja, kif ukoll***

Emenda

(14) Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' *Lisbona*, il-funzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li huwa fl-istess waqt il-Viċi President tal-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Esterni, inħolqot bil-għan li żżid l-impatt u l-koerenza tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

għas-Sħubija Strateġika tal-UE mar-Russja, iċ-Ċina u l-Indja. Dan jista' jingħad ukoll għall-politiki tal-iżvilupp tal-UE, li issa ġew estiżi biex jinkludu l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw. Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ġew sostnuti wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda, jiġifieri l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) IATEu l-Istrument għall-Istabbiltà.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) F'dawn l-aħħar snin kien hemm ukoll twessigħ u tisħiħ tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni, għall-Politika tal-Viċinat Ewropew, għall-Istrateġija tal-UE għall-Ażja Ċentrali, għall-isħubiji mġedda mal-Amerika Latina u max-Xlokk tal-Ażja, kif ukoll għas-Sħubija Strateġika tal-UE mar-Russja, iċ-Ċina u l-Indja. Dan jista' jingħad ukoll għall-politiki tal-iżvilupp tal-UE, li issa ġew estiżi biex jinkludu l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw. Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ġew sostnuti wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda, jiġifieri l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), l-Istrument ta'

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi Preadeżjonali **għandha** sseħħ fil-qafas stabbilit fis-Sħubijiet Adeżjonali u Ewropej li ffissaw il-prijoritajiet għal kull pajjiż, u għall-Kosovo **skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 (1999)**, bil-ħsieb li jiġi rreġistrat progress fit-tqarrib lejn l-UE, u li jipprovdu qafas għall-assistenza mill-UE. Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAP) huwa l-qafas politiku tal-UE għall-Balkani tal-Punent. Dan huwa msejjes fuq sħubija progressiva, li fiha l-UE toffri konċessjonijiet kummerċjali, assistenza ekonomika u finanzjarja u relazzjonijiet kuntrattwali permezz tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAAs). L-assistenza finanzjarja preadeżjonali, permezz tal-IPA, tgħin lill-kandidati u l-kandidati potenzjali jitħejjew għall-obbligi u l-isfidi tal-isħubija fl-UE. Din l-assistenza ssostni l-proċess ta' riformi, inklużi t-tħejjijiet għall-eventwalità li dawn il-pajjiżi jsiru membri. Din tiffoka fuq it-tiswir istituzzjonali, il-konformità mal-acquis communautaire **u l-tħejjija** għall-politiki u l-istrumenti tal-UE.

Emenda

(15) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi Preadeżjonali sseħħ fil-qafas stabbilit fis-Sħubijiet Adeżjonali u Ewropej li ffissaw il-prijoritajiet għal kull pajjiż, u għall-Kosovo¹, bil-ħsieb li jiġi rreġistrat progress fit-tqarrib lejn l-UE, u li jipprovdu qafas għall-assistenza mill-UE. Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAP) huwa l-qafas politiku tal-UE għall-Balkani tal-Punent. Dan huwa msejjes fuq sħubija progressiva, li fiha l-UE toffri konċessjonijiet kummerċjali, assistenza ekonomika u finanzjarja u relazzjonijiet kuntrattwali permezz tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAAs). L-assistenza finanzjarja preadeżjonali, permezz tal-IPA, tgħin lill-kandidati u l-kandidati potenzjali jitħejjew għall-obbligi u l-isfidi tal-isħubija fl-UE. Din l-assistenza ssostni l-proċess ta' riformi, inklużi t-tħejjijiet għall-eventwalità li dawn il-pajjiżi jsiru membri. Din tiffoka fuq it-tiswir istituzzjonali, il-konformità mal-acquis communautaire, tħejjija għall-politiki u l-istrumenti tal-UE **u l-promozzjoni ta' miżuri biex tintlaħaq il-konverġenza ekonomika.**

¹ *Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.*

Emenda 15**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 16***Test propost mill-Kummissjoni*

(16) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi tal-Viċinat għandha sseħħ fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li skontha l-UE timmira li tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajbin fost il-pajjiżi ġirien, abbażi tal-valuri tal-UE u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u fis-sliem msejsa fuq il-kooperazzjoni. Biex tikseb dawn l-għanijiet l-UE u l-imsieħba tagħha jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni bilaterali maqbula flimkien li jiddefinixxu ġabra ta' priyoritajiet li jinkludu kwistjonijiet politiċi u tas-sigurtà, affarijiet kummerċjali u ekonomiċi, problemi ambjentali u l-integrazzjoni tan-netwerk tat-trasport u l-enerġija. L-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tal-Lvant, u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed huma inizjattivi reġjonali u multilaterali li jikkumplimentaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat bil-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-grupp rispettiv ta' pajjiżi msieħba ġirien li jiffaċċjaw sfidi komuni u/jew jaqsmu ambjent ġeografiku komuni. L-Unjoni għall-Mediterran tappoġġja t-titjib soċjoekonomiku, is-solidarjetà, l-integrazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tiswir tal-għarfien, b'enfasi fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni finanzjarja għall-appoġġ reġjonali u l-proġetti transnazzjonali. *L-Isħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u titkompla l-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-pajjiżi Msieħba tal-Lvant. Il-Federazzjoni*

Emenda

(16) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi tal-Viċinat għandha sseħħ fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li skontha l-UE timmira li tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajbin fost il-pajjiżi ġirien, abbażi tal-valuri tal-UE u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u fis-sliem msejsa fuq il-kooperazzjoni. Biex tikseb dawn l-għanijiet l-UE u l-imsieħba tagħha jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni bilaterali maqbula flimkien li jiddefinixxu ġabra ta' priyoritajiet li jinkludu kwistjonijiet politiċi u tas-sigurtà, affarijiet kummerċjali u ekonomiċi, problemi ambjentali u l-integrazzjoni tan-netwerk tat-trasport u l-enerġija. L-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tal-Lvant, u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed huma inizjattivi reġjonali u multilaterali li jikkumplimentaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat bil-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-grupp rispettiv ta' pajjiżi msieħba ġirien li jiffaċċjaw sfidi komuni u/jew jaqsmu ambjent ġeografiku komuni. L-Unjoni għall-Mediterran ***għandha l-għan li tniedi mill-ġdid il-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Mediterranja billi tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali konġunt u solidari fuq iż-żewġ xtut tal-Mediterran, u*** tappoġġja t-titjib soċjoekonomiku, is-solidarjetà, l-integrazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tiswir tal-għarfien, b'enfasi fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni finanzjarja għall-appoġġ reġjonali u l-proġetti transnazzjonali. ***L-***

Russa u l-UE għandhom Sħubija Strateġika fuq firxa wiesgħa, destinata mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u espressa permezz tal-Ispazji Komuni u r-Rotot ta' Direzzjoni. Dan hu kumplimentat fil-livell multilaterali mid-Dimensjoni tat-Tramuntana li tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda.

Unjoni għall-Mediterran tappoġġja, b'mod partikolari, il-ħolqien ta' awtostradi marittimi u tal-art, it-tneħħija tat-tniġġis fil-Mediterran, il-pjan għall-enerġija solari fil-Mediterran, l-Inizjattiva għall-Iżvilupp tan-Negożju fil-Mediterran, il-protezzjoni ċivili u l-università Ewro-Mediterranja. Is-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u titkompla l-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-pajjiżi Msieħba tal-Lvant. Il-Federazzjoni Russa u l-UE għandhom Sħubija Strateġika fuq firxa wiesgħa, destinata mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u espressa permezz tal-Ispazji Komuni u r-Rotot ta' Direzzjoni. Dan hu kumplimentat fil-livell multilaterali mid-Dimensjoni tat-Tramuntana li tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Bil-għan li titjeb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-UE fir-reġjuni kkonċernati, għandhom ***jigū esplorati*** opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-UE kif jixraq, fl-għamla ta' garanziji, ta' kapital ta' riskju, ta' sussidju għar-rati tal-interess u ta' kofinanzjament fl-investment, flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrumenti għall-Istabbiltà, l-EIDHR u d-DCI.

Emenda

(21) Bil-għan li titjeb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-Unjoni fir-reġjuni kkonċernati, għandhom ***jinstabu*** opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-Unjoni kif jixraq, fl-għamla ta' garanziji, ta' kapital ta' riskju, ta' sussidju għar-rati tal-interess u ta' kofinanzjament fl-investment, flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrument għall-Istabbiltà, l-EIDHR u d-DCI. ***Kull meta sseħħ kombinazzjoni tal-iffinanzjar tal-BEI ma' riżorsi baġitarji oħra tal-UE, id-***

deċiżjonijiet ta' ffinanzjar kollha għandhom jidentifikaw b'mod ċar ir-riżorsi li jridu jkunu involuti. Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew irid ikollu lista dettaljata tar-riżorsi baġitarji u l-istrumenti finanzjarji użati f'kombinazzjoni mal-finanzjament tal-BEI.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Fil-livelli kollha, mill-ippjanar strateġiku 'l fuq (upstream) sal-iżvilupp tal-proġetti 'l isfel (downstream), għandu jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' finanzjament estern mill-BEI jkunu konformi mal-politiki esterni tal-UE u jsostnuhom u mal-għanijiet ta' livell għoli stipulati f'din id-deċiżjoni. Bil-ħsieb li tiżdied il-koerenza fl-azzjonijiet esterni tal-UE, għandu jkompli jissaħħaħ id-djalogu dwar il-politika u l-istrateġija bejn il-Kummissjoni, l-EEAS u l-BEI. Għall-istess għan, għandu jkun hemm kooperazzjoni mtejba u skambju reċiproku bikri tal-informazzjoni bejn il-BEI **u l-Kummissjoni** fil-livell operattiv. L-iskambju bikri tal-opinjoni bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-EEAS, skont kif ikun jixraq, għandu jkollha importanza partikolari fil-proċess tat-tnejjija tad-dokumenti tal-ippogrammar ħalli jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-attivitajiet **tal-BEI u dawk implimentati mill-Kummissjoni**.

Emenda

(22) Fil-livelli kollha, mill-ippjanar strateġiku 'l fuq (upstream) sal-iżvilupp tal-proġetti 'l isfel (downstream), għandu jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' finanzjament estern mill-BEI jkunu konformi mal-politiki esterni tal-UE u jsostnuhom u mal-għanijiet ta' livell għoli stipulati f'din id-deċiżjoni. Bil-ħsieb li tiżdied il-koerenza fl-azzjonijiet esterni tal-UE, għandu jkompli jissaħħaħ id-djalogu dwar il-politika u l-istrateġija bejn il-Kummissjoni, l-EEAS u l-BEI. Għall-istess għan, għandu jkun hemm kooperazzjoni mtejba u skambju reċiproku bikri tal-informazzjoni bejn il-BEI, **il-Kummissjoni u l-EEAS** fil-livell operattiv. **L-uffiċċji tal-BEI barra l-Unjoni għandhom, fejn dan ikun xieraq, ikunu ġewwa d-delegazzjonijiet tal-Unjoni sabiex titrawwem din il-kooperazzjoni waqt li jinqasmu l-ispejjeż operattivi.** L-iskambju bikri tal-opinjoni bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-EEAS, skont kif ikun jixraq, għandu jkollha importanza partikolari fil-proċess tat-tnejjija tad-dokumenti tal-ippogrammar ħalli jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-attivitajiet **ta' dawn it-tliet**

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Il-miżuri prattiċi għar-rabta tal-għanijiet tal-mandat ġenerali u l-implimentazzjoni tagħhom se jiġu ffixxati fil-linji gwida operattivi reġjonali żviluppatti mill-Kummissjoni flimkien mal-BEI, ***f'konsultazzjoni mal-EEAS dwar kwistjonijiet politiċi, kif jixraq.*** Dawn il-linji gwida għandhom bħala punt tat-tluq iquisu l-qafas politiku usa' tal-UE għal kull reġjun, jirriflettu l-istrateġiji tal-UE għall-pajjiżi u jimmiraw li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun kumplimentari għall-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti tal-UE fir-reġjuni differenti. Il-linji gwida għandhom jiġu pprovduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-qafas tal-eżerċizzju ta' rappurtar annwali tal-Kummissjoni dwar il-mandat estern tal-BEI.

Emenda

(23) Il-miżuri prattiċi għar-rabta tal-għanijiet tal-mandat ġenerali u l-implimentazzjoni tagħhom se jiġu ffixxati fil-linji gwida operattivi reġjonali żviluppatti mill-Kummissjoni flimkien mal-BEI, ***u, fi kwistjonijiet tal-kompetenza tal-EEAS flimkien miegħu.*** Dawn il-linji gwida għandhom bħala punt tat-tluq iquisu l-qafas politiku usa' tal-UE għal kull reġjun, jirriflettu l-istrateġiji tal-UE għall-pajjiżi u jimmiraw li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun kumplimentari għall-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti tal-UE fir-reġjuni differenti. Il-linji gwida għandhom jiġu pprovduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-qafas tal-eżerċizzju ta' rappurtar annwali tal-Kummissjoni dwar il-mandat estern tal-BEI.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-BEI għandu jħejji, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm multiannwali indikattiv tal-ammont ippjanat ta' firem tal-

Emenda

(24) Il-BEI għandu jħejji, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm multiannwali indikattiv tal-ammont ippjanat ta' firem tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI

operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija. Il-Kummissjoni għandha tqis dan il-pjan fil-programmazzjoni tal-baġit regolari tagħha trazzmess lill-awtorità baġitarja.

sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija ***u biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-tbassir tas-self tal-BEI mal-livelli massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.*** Il-Kummissjoni għandha tqis dan il-pjan fil-programmazzjoni tal-baġit regolari tagħha trazzmess lill-awtorità baġitarja.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Il-Kummissjoni għandha ***tistħarreġ l-iżvilupp*** ta' "Pjattaforma tal-UE għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi ***għat-taħlit*** tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. Pjattaforma ta' dan it-tip ***tkompli tħeġġeġ*** l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self.

Emenda

(25) Il-Kummissjoni għandha ***tipproponi, abbażi tal-esperjenza pożittiva eżistenti, l-implimentazzjoni*** ta' "Pjattaforma tal-Unjoni għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza ***u tirrazzjonalizza*** l-funzjonament tal-mekkaniżmi ***għal iktar taħlit*** tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI, ***lill-BERŻ*** kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. ***Għal dan il-għan il-Kummissjoni se toħloq grupp ta' ħidma kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, il-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali u bilaterali oħra.*** Pjattaforma ta' dan it-tip ***għandha tħeġġeġ, taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, is-sinerġiji, il-programmazzjoni kkonċertata u*** l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni u tas-self ***mill-istituzzjonijiet finanzjarji.*** ***Pjattaforma ta' dan it-tip tkun***

partikolarment siewja fil-finanzjament ta' proġetti orjentati lejn l-iżvilupp jew proġetti maħsuba biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima. Il-pjattaforma għandha wkoll tagħti kunsiderazzjoni lill-bidliet meħtieġa fl-arkitettura istituzzjonali Ewropea għall-finanzjament għall-iżvilupp sal-2014.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Il-BEI għandu jitħeġġeġ iżid l-operazzjonijiet tiegħu barra l-UE mingħajr ir-rikors għall-garanzija tal-UE **ħalli jsostni l-għanijiet tal-politika esterna tal-UE**, partikolarment fil-pajjiżi preadeżjonali u l-pajjiżi tal-viċinat u fil-pajjiżi tal-grad ta' investiment f'reġjuni oħra, imma anki fil-pajjiżi fil-grad ta' subinvestiment meta l-BEI jkollu l-garanziji adatti minn partijiet terzi. Il-BEI, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jiżviluppa politika li permezz tagħha jiddeċiedi bejn l-allokazzjoni ta' proġetti taħt il-mandat tal-garanzija tal-UE jew ta' finanzjament b'riskju għall-BEI innifsu. Politika ta' dan it-tip tkun b'mod partikolari tqis l-affidabbiltà kreditarja tal-pajjiżi u l-proġetti inkwistjoni.

Emenda

(26) Il-BEI għandu jitħeġġeġ iżid l-operazzjonijiet tiegħu **u jiddiversifika l-istrumenti finanzjarji tiegħu** barra l-UE mingħajr ir-rikors għall-garanzija tal-UE **u b'hekk l-użu tal-garanzija jista' jkun riservat għall-pajjiżi u l-proġetti li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' aċċess l-anqas favorevoli u fejn il-garanzija għalhekk tipprovdli valur miżjud ogħla. Il-BEI konsegwentement, u dejjem bil-għan li jappoġġja l-oġettivi tal-politika esterna tal-UE, għandu jżid l-ammonti mislufa għar-riskju proprju tiegħu, u dan** partikolarment fil-pajjiżi preadeżjonali u l-pajjiżi tal-viċinat u fil-pajjiżi tal-grad ta' investiment f'reġjuni oħra, imma anki fil-pajjiżi fil-grad ta' subinvestiment **u bl-għoti ta' self subsovrani** meta l-BEI jkollu l-garanziji adatti minn partijiet terzi. Il-BEI, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jiżviluppa politika li permezz tagħha jiddeċiedi bejn l-allokazzjoni ta' proġetti taħt il-mandat tal-garanzija tal-UE jew ta' finanzjament b'riskju għall-BEI innifsu. Politika ta' dan it-tip tkun b'mod partikolari tqis l-affidabbiltà kreditarja tal-pajjiżi u l-proġetti inkwistjoni. **Meta l-mandat estern jiġġedded għall-perjodu ta' wara l-2013,**

din il-politika għandha tkun riveduta u l-lista tal-pajjiżi eliġibbli għall-garanzija eżaminata mill-ġdid.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Biex jiġi żgurat li l-Bank jissodisfa r-rekwiżiti tal-mandat fir-reġjuni u s-sottoreġjuni kollha, **hemm bżonn li** jiġu ddedikati biżżeġed riżorsi umani u finanzjarji għall-attivitajiet esterni **tal-BEI**. Dan ikun jinkludi b'mod partikolari li jkollu kapaċità suffiċjenti biex isostni l-għanijiet tal-UE ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp, li jikkonċentra aktar fuq il-valutazzjoni ex ante tal-aspetti ambjentali, soċjali u tal-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu, u li jissorvelja b'mod effettiv il-proġetti waqt li jkunu qegħdin jiġu implimentati.

Emenda

(28) Biex jiġi żgurat li l-Bank jissodisfa r-rekwiżiti tal-mandat fir-reġjuni u s-sottoreġjuni kollha, **għandhom** jiġu ddedikati biżżeġed riżorsi umani u finanzjarji għall-attivitajiet esterni **tiegħu, b'limiti ta' żmien raġonevoli**. Dan ikun jinkludi b'mod partikolari li jkollu kapaċità suffiċjenti biex isostni l-għanijiet tal-UE ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp, li jikkonċentra aktar fuq il-valutazzjoni ex ante tal-aspetti ambjentali, soċjali u tal-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu, u li jissorvelja b'mod effettiv il-proġetti waqt li jkunu qegħdin jiġu implimentati. **Għandhom jinżammu l-opportunitajiet ta' aktar titjib tal-effiċjenza u l-effikaċja, u għandha ssir ħidma attiva biex jinstabu s-sinerġiji.**

Or. en

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra l-UE li jaqgħu taħt l-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex itejjeb aktar il-koordinament u l-

Emenda

(29) Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra l-UE li jaqgħu taħt l-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex itejjeb aktar il-koordinament u l-

kooperazzjoni mal-IFI u l-EBFIs, **fejn ikun rilevanti**, inkluż, fejn jixraq il-kooperazzjoni fuq il-kundizzjonalità tas-settur u d-dipendenza reċiproka fuq il-proċeduri, l-użu tal-kofinanzjament konġunt u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali, bħalma huma dawk li jippromwovu l-koordinament u l-effikaċja tal-għajnuna. L-isforzi **msemmija hawn fuq** għandhom jissejsu fuq ir-reċiproċità bejn il-BEI u istituzzjonijiet oħra u jeħtieġu sforz ekwivalenti mill-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji oħra biex jiġu implimentati b'mod effettiv. B'mod partikolari, il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi tal-Isħubija u l-Viċinat tal-Lvant, l-Ażja Ċentrali u t-Turkija huma ffissati fil-Memoranda ta' Ftehim tripartiti bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

kooperazzjoni mal-IFI u l-EBFIs, fejn ikun rilevanti, inkluż, fejn jixraq il-kooperazzjoni fuq il-kundizzjonalità tas-settur u d-dipendenza reċiproka fuq il-proċeduri, l-użu tal-kofinanzjament konġunt u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali, bħalma huma dawk li jippromwovu l-koordinament u l-effikaċja tal-għajnuna. **It-tali koordinazzjoni u kooperazzjoni għandhom jagħmluha possibbli li jiġu evitati proġetti li jirkbu fuq xulxin u kompetizzjoni mhux mixtieqa f'relazzjoni ma' proġetti ffinanzjati mill-UE.** Dawn l-isforzi għandhom jissejsu fuq ir-reċiproċità. B'mod partikolari, il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi tal-Isħubija u l-Viċinat tal-Lvant, l-Ażja Ċentrali u t-Turkija huma ffissati fil-Memoranda ta' Ftehim tripartiti bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. **Il-finanzjament tal-BEI implimentat permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' IFI u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali oħrajn jeħtieġu jirrispetta l-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.**

Or. en

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) Fil-pajjiżi ta;' intervent komuni, il-BEI u l-BERŻ għandhom itejbu l-kooperazzjoni bejniethom. Il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi tas-Sħubija u l-Viċinat tal-Lvant, l-Ażja Ċentrali u t-Turkija huma ffissati fil-Memoranda ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-

Iżvilupp. Dawn il-memoranda għandhom jevitaw li l-BEI u l-BERŻ jikkompetu ma' xulxin, anzi jippermettulhom li jaġixxu b'mod komplementari billi jimmassimizzaw il-vantaġġi komparattivi rispettivi tagħhom. Dawn il-memoranda għandhom jipprovdu wkoll għall-konverġenza fi żmien raġonevoli tal-proċeduri tagħhom. Matul iż-żmien, għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-istabbiliment ta' rabtiet eqreb bejn dawn iż-żewġ banek b'kapital fil-maġġoranza Ewropew, bil-għan li jiġu ottimizzati l-istrumenti Ewropej għall-finanzjament tal-azzjoni esterna.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Ir-rappurtar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-BEI lejn il-Kummissjoni għandhom jissaħħu ħalli jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI imwettqa skont din id-deċiżjoni. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi, u bl-inklużjoni ta' taqsimiet dwar il-valur miżjud b'mod konformi mal-politiki tal-UE u taqsimiet dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, IFI oħra u donaturi bilatarali, inkluż il-kofinanzjament. Fejn ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jinkludi referenzi għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkustanzi li jkunu jiġġustifikaw aktar emendi għall-mandat qabel tmiem il-perjodu.

Emenda

(30) Ir-rappurtar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-BEI lejn il-Kummissjoni għandhom jissaħħu ħalli jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI imwettqa skont din id-deċiżjoni. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi, u bl-inklużjoni ta' taqsimiet dwar il-valur miżjud b'mod konformi mal-politiki tal-UE u taqsimiet dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, ***il-BERŻ***, IFI oħra u donaturi bilatarali, inkluż il-kofinanzjament, kif ukoll valutazzjonijiet tal-aċċessibilità, tat-trasparenza u tal-effiċjenza tas-self, ***kif ukoll evalwazzjonijiet tal-aċċessibilità, tat-trasparenza u tal-effiċjenza tas-self. Ir-***

rapport għandu jkun fih ukoll l-analiżi tal-BEI tas-sostenibilità ekonomika, finanzjarja, ekoloġika u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati. Għandu jinkludi wkoll sezzjoni speċifika ddedikata għall-evalwazzjoni dettaljata tal-miżuri meħuda mill-BEI biex jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-mandat attwali, bl-esklużjoni mill-ambitu tal-garanzija tal-operazzjonijiet kollha li jippermettu, jew jikkontribwixxu direttament jew indirettament għal xi forma ta' evazzjoni tat-taxxa, u li jagħti attenzjoni partikolari lill-operazzjonijiet tal-BEI li jużaw mezzi finanzjarji li jinsabu f'ċentri finanzjarji offshore. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-aspetti soċjali u dawk relatati mal-iżvilupp fil-proġetti u jipprovdi fehmiet minn NGOs rilevanti u pajjiżi riċeventi. Fejn ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jinkludi referenzi għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkustanzi li jkunu jiġġustifikaw aktar emendi għall-mandat qabel tmiem il-perjodu. Dan ir-rapport għandu b'mod partikolari jinkludi lista dettaljata tar-riżorsi finanzjarji kollha tal-Unjoni użati flimkien mal-finanzjament tal-BEI u ta' donaturi oħra, b'hekk tingħata lista dettaljata tal-kxif finanzjarju tal-operazzjonijiet finanzjarji.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI koperti minn garanzija tal-UE, matul il-perjodu 2007-2013, bit-tnaqqis tal-ammonti kanċellati, ma għandux jaqbeż **EUR 27 800 000 000**,

Emenda

1. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI koperti minn garanzija tal-UE, matul il-perjodu 2007-2013, bit-tnaqqis tal-ammonti kanċellati, ma għandux jaqbeż **EUR 28 981 000 000**,

maqsumin f'żewġ partijiet:
(a) Mandat Ġenerali ta'
EUR 25 800 000 000
(b) Mandat tal-Bidla fil-Klima ta'
EUR 2 000 000 000

maqsumin f'żewġ partijiet:
(a) Mandat Ġenerali ta'
EUR 28 981 000 000
(b) Mandat tal-Bidla fil-Klima ta'
EUR 2 000 000 000

Or. en

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha koperti minn din id-deċiżjoni, fejn dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI jsostnu l-għan politiku ewlieni tal-UE li tiġi indirizzata l-bidla fil-klima permezz ta' proġetti ta' sostenn fit-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha li jikkontribwixxu lejn l-għan kumplessiv tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), b'mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra fl-oqsma tal-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi tizzied il-flessibbiltà għall-impatti negattivi tal-bidla fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jiġi implimentat b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, bil-kombinazzjoni ***fejn ikunu possibbli u xieraq*** tal-finanzjament mill-BEI mal-fondi baġitarji tal-UE.

Emenda

4. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha koperti minn din id-deċiżjoni, fejn dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI jsostnu l-għan politiku ewlieni tal-UE li tiġi indirizzata l-bidla fil-klima permezz ta' proġetti ta' sostenn fit-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha li jikkontribwixxu lejn l-għan kumplessiv tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), b'mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra fl-oqsma tal-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi tizzied il-flessibbiltà għall-impatti negattivi tal-bidla fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jiġi implimentat b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, bil-kombinazzjoni ***kemm jista' jkun*** tal-finanzjament mill-BEI mal-fondi baġitarji tal-UE ***u b'valutazzjoni tal-impenn tal-pajjiż riċeventi rispettiv rigward il-politiki tal-UE dwar it-tibdil fil-klima.***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fil-każ tal-Mandat tal-Bidla fil-Klima, madankollu, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati fir-reġjuni kollha koperti mill-Anness II ta' din id-deċiżjoni, sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(4). B'mod partikolari, il-BEI se jiżgura li r-reġjun imsemmi fil-punt A tal-Anness II ma jirċevix iktar minn 40 % tal-ammont allokat għal dan il-Mandat, ir-reġjun fil-punt B mhux iktar minn 50 %, ir-reġjun fil-punt C mhux iktar minn 30 % u r-reġjun fil-punt D mhux iktar minn 10 %.

Emenda

5. Fil-każ tal-Mandat tal-Bidla fil-Klima, madankollu, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati fir-reġjuni kollha koperti mill-Anness II ta' din id-deċiżjoni, sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(4). B'mod partikolari, il-BEI se jiżgura li r-reġjun imsemmi fil-punt A tal-Anness II ma jirċevix iktar minn 40 % tal-ammont allokat għal dan il-Mandat, ir-reġjun fil-punt B mhux iktar minn 50 %, ir-reġjun fil-punt C mhux iktar minn 30 % u r-reġjun fil-punt D mhux iktar minn 10 %.

B'mod ġenerali, il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jintuża biex jiffinanzja proġetti li huma marbuta mill-qrib mal-kompetenzi tal-qofol tal-BEI, li jżidu l-valur u li jimmassimizzaw l-effett rigward l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2, paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Kemm il-Mandat Ġenerali u l-Mandat tal-Bidla fil-Klima jridu jiġu mmaniġġjati skont il-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju sod.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) It-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, kif imfissra fl-Artikolu 2(4).

Emenda

(c) It-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, kif imfissra fl-Artikolu 2(4);

Or. en

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji.

Emenda

(a) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3, paragrafu 1, punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

.

Emenda

(ca) L-iżvilupp sostenibbli, l-eradikazzjoni tal-faqar u t-titjib sostenibbli tal-kundizzjonijiet tal-għajxien.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3, paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) It-tnaqqis tal-faqar permezz tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli għandu jkun għan sottostanti għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw¹.

¹ Kif definiti fil-lista tal-OECD tar-riċeventi tal-ODA (li jinkludu l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti, il-Pajjiżi bi Dħul Baxx kif ukoll il-Pajjiżi bi Dħul Medju).

Or. en

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-BEI għandu progressivament iżid l-attività tiegħu fis-setturi soċjali, bħas-saħħa u l-edukazzjoni.

3. Il-BEI għandu progressivament iżid l-attività tiegħu fis-setturi soċjali, bħas-saħħa u l-edukazzjoni, ***b'mod partikulari rigward it-taħriġ vokazzjonali.***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fil-każ ta' tħassib serju fuq ***is-sitwazzjoni politika*** jew ***ekonomika*** f'xi pajjiż speċifiku, il-Parlament Ewropew u l-

4. Fil-każ ta' tħassib serju fuq ***il-politiki*** ***dwar il-politika*** jew ***l-ekonomika*** f'xi pajjiż speċifiku, il-Parlament Ewropew u l-

Kunsill jistgħu jiddeċiedu li jissospendu finanzjament ġdid mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE f' dak il-pajjiż skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

Kunsill jistgħu jiddeċiedu li jissospendu finanzjament ġdid mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE f' dak il-pajjiż skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, flimkien mal-BEI, linji gwida operattivi reġjonali għall-finanzjament mill-BEI skont din id-deċiżjoni. Fit-tfassil ta' dawn il-linji gwida l-Kummissjoni u l-BEI **se jikkonsultaw is-Servizzi Ewropej ta' Azzjoni Esterna (EEAS)** fir-rigward ta' kwistjonijiet *politiċi*, **kif jixraq**. Il-linji gwida operattivi għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI isostni l-politiki tal-UE, u għandhom iqisu bħala punt tat-tluq il-qafas politiku reġjonali usa' tal-UE ffissat mill-Kummissjoni u l-EEAS, kif jixraq. **B'mod partikolari**, il-linji gwida se jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun jikkomplimentat l-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti mill-UE fir-reġjuni differenti, b'kunsiderazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tad-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-Kummissjoni **se tinforma** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-linji gwida stabbiliti. Fi ħdan il-qafas stabbilit mill-linji gwida operattivi, il-BEI għandu jiddefinixxi l-istrategġiji korrispondenti ta' finanzjament u jiżgura li dawn jiġu implimentati.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, flimkien mal-BEI **u mal-EEAS**, linji gwida operattivi reġjonali għall-finanzjament mill-BEI skont din id-deċiżjoni. Fit-tfassil ta' dawn il-linji gwida, **u fi stadju bikri**, il-Kummissjoni u l-BEI **għandhom jikkollaboraw mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)** fir-rigward ta' kwistjonijiet **ta' politika li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu**. Il-linji gwida operattivi għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI isostni l-politiki tal-UE, u għandhom iqisu bħala punt tat-tluq il-qafas politiku reġjonali usa' tal-UE ffissat mill-Kummissjoni u l-EEAS, kif jixraq. **Barra minn hekk**, il-linji gwida se jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun jikkomplimentat l-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti mill-UE fir-reġjuni differenti, b'kunsiderazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tad-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill **u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp**. Il-Kummissjoni **għandha tirrapporta** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-linji gwida stabbiliti. Fi ħdan il-qafas stabbilit mill-linji gwida operattivi, il-BEI għandu jiddefinixxi l-istrategġiji korrispondenti ta' finanzjament u jiżgura li dawn jiġu implimentati.

Emenda 37**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza *qawwija xierqa* fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li dawk il-proġetti li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni.

Fejn jixraq, il-valutazzjoni għandha ***tinkludi evalwazzjoni ta'*** kif il-kapaċitajiet tal-benefiċjarji tal-finanzjament mill-BEI jistgħu jiġu msaħħa mill-ġdid tul iċ-ċiklu kollu tal-proġett b'għajjnuna teknika.

Emenda

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza *dovuta komprensiva, inkluża konsultazzjoni pubblika*, fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li dawk il-proġetti li jkunu ***għalkollox*** sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet tad-diliġenza dovuta.*** Fejn jixraq, il-valutazzjoni għandha ***tivvaluta*** kif il-kapaċitajiet tal-benefiċjarji tal-finanzjament mill-BEI jistgħu jiġu msaħħa mill-ġdid tul iċ-ċiklu kollu tal-proġett b'għajjnuna teknika. ***Fejn ikunu meħtieġa bidliet fir-regoli u l-proċeduri tal-BEI, għandhom isiru f'waqthom.***

Emenda 38**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 - paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu ***jsaħħaħ is-sorveljanza tiegħu*** tul l-

Emenda

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu ***jagħmel sorveljanza komprensiva*** tul l-

implimentazzjoni tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp.

implimentazzjoni ***u t-tlestija*** tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp ***u fuq id-drittijiet ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem. Is-sorveljanza għandha tinkludi, fejn possibbli, il-prestazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji b'appoġġ tal-SMEs. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom jiġu żvelati lill-pubbliku.***

Or. en

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6, paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-BEI għandu jrissottometti lill-Kummissjoni rapporti annwali li jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet finanzjati tul is-sena fuq l-iżvilupp. Ir-rapporti għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' żvilupp tal-BEI kif stipulati fl-Artikolu 6(1). Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew ir-rapporti tal-BEI dwar l-iżvilupp u jagħmilhom pubbliċi biex il-persuni interessati, inklużi l-NGOs u l-pajjiżi riċeventi, ukoll ikunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti r-rapporti annwali, filwaqt li jqis l-opinjoni tal-partijiet interssati kollha.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Koperazzjoni ma' istituzzjonijiet
finanzjarji internazzjonali oħrajn

Emenda

Il-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet **ta'**
finanzjament oħra

Or. en

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom dejjem iżjed jitwettqu, **fejn ikun xieraq**, f'koperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew istituzzjonijiet bilaterali finanzjarji Ewropej oħra sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji, il-koperazzjoni u l-effiċjenza u sabiex jiġi żgurat qsim raġjonevoli tar-riskji u kundizzjonalità tal-proġett u tas-settur koerenti.

Emenda

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom dejjem iżjed jitwettqu, f'koperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew istituzzjonijiet bilaterali finanzjarji Ewropej oħra sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji, il-koperazzjoni u l-effiċjenza u sabiex jiġi żgurat qsim **prudenti u** raġjonevoli tar-riskji u kundizzjonalità tal-proġett u tas-settur koerenti. **L-attivitajiet tal-BEI u l-BERŻ fil-pajjiżi ta' operazzjoni komuni m'għandhomx jikkompetu, iżda għandhom pjuttost ikunu komplementari, fuq il-bażi tal-vantaġġi komparattivi ta' kull bank, u għandhom jevitaw l-ispejjeż tad-duplikazzjoni għall-klijent.**

Or. en

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-koperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinazzjoni mwettqa speċjalment fil-kuntest ta' Memoranda ta' Ftehim jew oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali tal-UE oħra, fejn ikun xieraq, bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-istituzzjonijiet bilaterali finanzjarji Ewropej prinċipali li joperaw fir-reġjuni differenti.

Emenda

2. Il-koperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinazzjoni mwettqa speċjalment fil-kuntest ta' Memoranda ta' Ftehim jew oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali tal-Unjoni oħra, fejn ikun xieraq, bejn il-Kummissjoni, il-BEI, **il-BERD** u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-istituzzjonijiet bilaterali finanzjarji Ewropej prinċipali li joperaw fir-reġjuni differenti, **waqt li jitqiesu l-kompetenzi tal-EEAS.**

Or. en

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8, paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni u l-BEI, abbażi tal-esperjenza akkumulata, għandhom ifasslu pjattaforma adegwata li toħloq is-sinerġiji u tissemplifika l-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra, il-korpi nazzjonali tal-iżvilupp u istituzzjonijiet tal-finanzjament oħra fil-pajjiżi eliġibbli għal-finanzjament mill-BEI.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaza huma rappreżentati mill-Awtorità Palestinjana u l-Kosovo ***skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 (1999)*** mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo jew amministrazzjoni maħtura fil-linji gwida msemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaza huma rappreżentati mill-Awtorità Palestinjana u l-Kosovo¹ mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo jew amministrazzjoni maħtura fil-linji gwida msemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni.

¹ ***Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.***

Or. en

Amendment 45

Proposal for a decision Article 9 - point 4

Text proposed by the Commission

4. Il-BEI għandu, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppa politika ċara u trasparenti għad-deċiżjoni dwar is-sors tal-finanzjament tal-operazzjonijiet li jkunu eliġibbli kemm għall-kopertura tal-garanzija tal-UE kif ukoll għar-riskju ta' finanzjament tal-BEI nnifsu.

Amendment

4. Il-BEI għandu, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppa politika ċara u trasparenti għad-deċiżjoni dwar is-sors tal-finanzjament tal-operazzjonijiet li jkunu eliġibbli kemm għall-kopertura tal-garanzija tal-UE kif ukoll għar-riskju ta' finanzjament tal-BEI nnifsu. ***Il-politika għandha tibbaża fuq ir-rekwiżit li jingħata kontribut għat-twettiq tal-prinċipji ġenerali ta' gwida u l-ilħiq tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea u tal-miri ta' politika u għandha tkun konformi mal-objettivi u l-politiki tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mal-aqwa prattiki u standards fil-livell internazzjonali. Fis-Sommarju tal-Proġett għandu jkun hemm tagħrif dwar jekk il-proġett huwiex kopert b'din il-garanzija.***

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mwettqa taħt din id-deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi stima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq il-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali jew reġjonali kif ukoll **il-kontribuzzjoni** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI sabiex ikunu ssodisfati l-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi msemmija fl-Artikolu 5, u għandu jinkludu taqsimiet dwar l-valur miżjud *għall-kisba* tal-għanijiet politiċi tal-UE kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra, inkluż il-kofinanzjament.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mwettqa taħt din id-deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi stima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq il-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali jew reġjonali, **valutazzjonijiet tal-aċċessibilità, tat-trasparenza u tal-effiċjenza tas-self** kif ukoll **valutazzjoni tal-kontribuzzjoni** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI sabiex ikunu ssodisfati l-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi msemmija fl-Artikolu 5, u għandu jinkludu taqsimiet dwar l-valur miżjud *għall-ilħiq* tal-għanijiet politiċi tal-Unjoni **dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-iżvilupp u sa liema punt il-BEI ikkunsidra s-sostenibilità ambjentali u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati**, kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra, inkluż il-kofinanzjament. **Barra minn hekk, il-BEI għandu jibqa' jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' valutazzjoni kollha tiegħu li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi milħuqa mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont il-mandati esterni. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-politika tal-BEI dwar ir-**

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni fil-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali u reġjonali u tas-sodisfar tal-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE, inkluża l-koperazzjoni mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istuzzjonijiet bilaterali oħra.

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni fil-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali u reġjonali ***dwar l-aċċessibilità, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-self*** u tas-sodisfar tal-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istuzzjonijiet bilaterali oħra ***kif ukoll rapport ta' valutazzjoni tal-impatt fuq l-iżvilupp, kif imsemmi fl-Artikolu 6. Kwalunkwe ftehim bejn il-BEI u IFI jew istituzzjonijiet bilaterali oħrajn dwar it-tweġġ ta' operazzjonijiet finanzjarji fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni jeħtieġ li jsir pubbliku.***

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'deġta statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ***li***

Emenda

3. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'data ta' statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta'

jkunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-dmirijiet ta' rappurtaġġ tal-Kummissjoni jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jkunu għadhom pendenti.

finanzjament tal-BEI ***kif ukoll kwalunkwe tagħrif addizzjonali***, meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-dmirijiet ta' rappurtaġġ tal-Kummissjoni jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jkunu għadhom pendenti.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10 a
Ġurisdizzjonijiet ta' segretezza
Il-BEI għandu jiżgura li l-banek kollha appoġġjati u intermedjarji finanzjarji oħrajn iħaddmu salvagwardji ibsin kontra l-użu ta' ġurisdizzjonijiet ta' segretezza.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10b
Perspettivi għall-finanzjament tal-iżvilupp Il-Kummissjoni, flimkien mal-BEI, għandha toħloq grupp ta' ħidma biex jiddiskuti l-perspettivi għall-finanzjament tal-iżvilupp li joriġina mill-UE, jagħmel rieżami tal-prattiċi eżistenti u jissuġġerixxi tibdiliet fl-organizzazzjoni u l-kooordinazzjoni tal-għajnuna tal-iżvilupp flimkien ma' tkattir tal-effiċjenza u l-effikaċja tagħha. Il-grupp ta' ħidma

għandu jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, u għandu jikkonsulta skont ma jkun xieraq lill-NGOs rilevanti, lis-settur privat u lil esperti minn pajjiżi bi storja pożittiva bħala riċeventi ta' għajnuna għall-iżvilupp.

Or. en

Emenda 51

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 – paragrafu 2 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) F'għieħ it-trasparenza, il-websajt tal-Kummissjoni għandha tipplublika d-dettalji kollha relatati ma' kull każ ta' rkupru taħt il-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 52

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 – paragrafu 2 b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Pagamenti u rkupri taħt il-garanzija tal-UE li jkunu attribwibbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu vverifikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati li jirrelataw mal-garanzija tal-UE.

Emenda

Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati li jirrelataw mal-garanzija tal-UE **u għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew skont dan.**

Or. en

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta **lill-Parlament Ewropew** rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni Anness I

Test propost mill-Kummissjoni

A. Il-pajjiżi preadeżjonali:
EUR 8,700,000,000;
B. Il-pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija:
EUR 12,400,000,000;
maqsuma fis-sottolimiti massimi indikattivi li ġejjin:

Emenda

A. Il-pajjiżi preadeżjonali:
EUR 9 166 000 000;
B. Il-pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija:
EUR 12 400 000 000;
maqsuma fis-sottolimiti massimi indikattivi li ġejjin:

(i) il-pajjiżi Mediterranji:
EUR 8,700,000,000;

(ii) l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel
u r-Russja: *EUR 3,700,000,000;*

C. l-Ażja u l-Amerika Latina:
EUR 3,800,000,000;

maqsoma fis-sottolimiti massimi indikattivi
li ġejjin:

(i) l-Amerika Latina: *EUR 2,800,000,000*

(ii) l-Ażja (inkluża l-Ażja Ċentrali):
EUR 1 000 000 000;

D. ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel:
EUR 900 000 000.

Fi ħdan il-limiti massimi reġjonali tal-
Mandat Ġenerali, il-korpi regolatorji tal-
BEI jistgħu jiddeċiedu li jallokaw mill-ġdid
ammont sa **10 %** tal-limitu massimu
reġjonali bejn il-limiti massimi
sottoreġjonali indikattivi.

(i) il-pajjiżi Mediterranji:
EUR 9 114 000 000;

(ii) l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel
u r-Russja: *EUR 3 964 000 000;*

C. l-Ażja u l-Amerika Latina:
EUR 3 800 000 000;

maqsoma fis-sottolimiti massimi indikattivi
li ġejjin:

(i) l-Amerika Latina: *EUR 2 800 000 000;*

(ii) l-Ażja (inkluża l-Ażja Ċentrali):
EUR 1 037 000 000;

D. ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel:
EUR 900 000 000.

Fi ħdan il-limiti massimi reġjonali tal-
Mandat Ġenerali, il-korpi regolatorji tal-
BEI jistgħu jiddeċiedu li jallokaw mill-ġdid
ammont sa **20 %** tal-limitu massimu
reġjonali bejn il-limiti massimi
sottoreġjonali indikattivi.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni Anness II – punt A

Test propost mill-Kummissjoni

A. Il-pajjiżi preadeżjonali

1. Il-pajjiżi kandidati

Il-Kroazja, it-Turkija, *l-ex-Repubblika
Jugoslava tal-Maċedonja.*

2. Il-pajjiżi kandidati potenzjali

L-Albanija, *il-Bożnja u Herzegovina*, il-
Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo skont ir-
Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-
Nazzjonijiet Uniti 1244 (1999), ***l-Islanda.***

Emenda

A. Il-pajjiżi preadeżjonali

1. Il-pajjiżi kandidati

Il-Kroazja, it-Turkija, *dik li kienet ir-
Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-
Islanda.*

2. Il-pajjiżi kandidati potenzjali

L-Albanija, *il-Bosnja-Herzegovina*, il-
Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo skont ir-
Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-
Nazzjonijiet Uniti 1244 (1999).

Or. en

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni Anness II – punt B – punt 2 – ringiela 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Ewropa tal-Lvant: Ir-Repubblika tal-Moldova, *l-Ukrajna, il-Belarus;*

Emenda

L-Ewropa tal-Lvant: Ir-Repubblika tal-Moldova, *l-Ukraina, il-Bjelorussja¹;*

¹ Il-bidu tal-operazzjonijiet tal-BEI fil-Bjelorussja se jibqa' marbut malprogress tal-pajjiż lejn id-demokrazija konformement mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2009 dwar il-Bjelorussja u mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta-10 ta' Marzu 2010 dwar is-sitwazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-minoranzi nazzjonali fil-Bjelorussja. Il-Kummissjoni sejra tinnotifika lill-BEI meta dawk il-kundizzjonijiet ikunu ntlaħqu u b'mod parallel se tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

Or. en